KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
JÄÄSKINEN
ippreżentati fit-8 ta' Marzu 2012[1]

Kawża C-28/11

Eurogate Distribution GmbH
vs
Hauptzollamt Hamburg-Stadt

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Finanzgericht Hamburg (il-Ġermanja)]

"Kodiċi Doganali tal-Komunità — Maħżen doganali — Regolament (KEE) Nru 2913/92 — Artikolu 204 — Tnissil tad-dejn doganali minħabba n-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' obbligu — Iskrizzjoni tardiva fir-reġistri tal-ħażna"

I – Introduzzjoni

1. Il-proċedura tal-ħażna doganali, stabbilita permezz tal-Kodiċi Doganali[2], tippermetti l-ħażna f'maħżen doganali ta' merkanzija mhux Komunitarja mingħajr ma din il-merkanzija tiġi suġġetta għal dazji ta' importazzjoni.

2. Il-ġestjoni ta' maħżen doganali privat, li hija proċedura doganali b'impatt ekonomiku u sospensiv, teħtieġ awtorizzazzjoni u hija suġġetta għal ċerti kundizzjonijiet[3]. Il-persuna nnominata mill-awtoritajiet doganali għandha b'mod partikolari żżomm reġistri tal-ħażniet tal-merkanzija kollha suġġetti għall-proċedura tal-ħażna doganali. Dawn ir-reġistri għandhom f'kull żmien juru l-istat tal-ħażniet kurrenti tal-merkanzija li jkunu suġġetti għall-proċedura tal-ħażna doganali.

3. Fil-kawża prinċipali, il-kumpannija Eurogate Distribution GmbH (iktar 'il quddiem "Eurogate Distribution") kienet ġiet awtorizzata biex tamministra maħżen doganali privat. Huwa stabbilit li l-merkanzija maħżuna fil-maħżen doganali inkwistjoni rċeviet destinazzjoni doganali ġdida approvata, minħabba l-esportazzjoni mill-ġdid tagħha, b'tali mod li l-proċedura doganali ġiet eżegwita b'mod regolari[4].

4. Madankollu, jidher li Eurogate Distribution ma osservatx l-obbligu tagħha li tirreġistra t-tluq tal-merkanzija fir-reġistri tal-ħażniet fil-mument tal-ħruġ tal-merkanzija mill-maħżen doganali, iżda dan wettqitu biss wara.

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, tat-12 ta' Ottubru 1992, li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol 4, p. 307), kif emendat bir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 648/2005, tat-13 ta' April 2005 (ĠU L 117, p. 13, iktar 'il quddiem il-"kodiċi doganali"). Il-kodiċi doganali ġie emendat permezz tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 450/2008 tat-23 ta' April 2008, li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità (iktar 'il quddiem il-"kodiċi doganali modernizzat") (ĠU L 145, p. 1), fejn ċerti dispożizzjonijiet daħlu fis-seħħ fl-24 ta' Ġunju 2008. Minħabba d-data tal-fatti tal-kawża prinċipali, din tal-aħħar tibqa' rregolata mir-regoli indikati fil-kodiċi doganali.

3 — Ara l-Artikoli 84(1), 85 u 87 tal-kodiċi doganali.

4 — Ara l-Artikolu 89(1) tal-kodiċi doganali.

5. Fuq il-bażi ta' din il-konstatazzjoni, il-Hauptzollamt Hamburg-Stadt (iktar 'il quddiem il-"Hauptzollamt") imponiet dazji doganali abbażi tal-Artikolu 204 tal-Kodiċi Doganali fir-rigward ta' merkanzija iskritta b'mod tardiv fir-reġistri tal-ħażniet.

6. Wara li Eurogate Distribution ressqet rikors kontra l-avviż għall-ħlas tat-taxxa, il-Finanzgericht Hamburg (Qorti tal-Finanzi ta' Hamburg) (il-Ġermanja) ressqet lill-Qorti tal-Ġustizzja domanda preliminari sabiex jiġi stabbilit jekk il-ksur tal-obbligu ta' iskrizzjoni tal-ħruġ tal-merkanzija mill-maħżen doganali fil-programm tal-informatika previst għal dak il-għan, anki jekk il-merkanzija rċeviet destinazzjoni doganali ġdida approvata fi tmiem il-proċedura doganali, inissilx dejn doganali abbażi tal-Artikolu 204(1)(a), tal-Kodiċi Doganali.

7. Bl-istess mod bħal fil-Kawża Döhler Neuenkirchen (C-262/10), li tinsab pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li fir-rigward tagħha ser nipprovdi l-konklużjonijiet tiegħi llum ukoll, li tikkonċerna l-preżentazzjoni tardiva tal-awtorizzazzjoni ta' clearance fil-kuntest tal-proċedura ta' pproċessar attiv, il-kawża preżenti tippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja tispeċifika l-kundizzjonijiet għat-tnissil tad-dejn doganali skont l-Artikolu 204 tal-Kodiċi Doganali. Għalkemm il-fatti u n-nuqqas li jista' jnissel dejn skont l-imsemmi artikolu huma differenti fiż-żewġ kawżi, għandu jiġi kkonstatat li l-kawżi jirrigwardaw l-interpretazzjoni tal-istess dispożizzjoni legali u li dawn jikkonċernaw iż-żewġ proċeduri doganali sospensivi, jiġifieri l-proċedura attiva tal-ipproċessar fil-Kawża C-262/10 u dik tal-ħażna doganali fil-Kawża C-28/11.

II – Il-kuntest ġuridiku

A – *Il-Kodiċi Doganali*

8. Mill-Artikolu 4 tal-Kodiċi Doganali jirriżulta li għall-finijiet tal-imsemmi kodiċi, "dejn doganali fuq l-importazzjoni" tirreferi għall-obbligu ta' persuna li tħallas dazji fuq l-importazzjoni, li japplikaw għal merkanzija stabbilita skont id-dispożizzjonijiet Komunitarji fis-seħħ. Id-destinazzjoni doganali ta' merkanzija tinkludi b'mod partikolari l-issuġġettar tal-merkanzija għall-proċedura doganali jew l-esportazzjoni mill-ġdid tagħha barra t-territorju doganali tal-Komunità Ewropea. Proċedura doganali, bħala tali, tirreferi b'mod partikolari għall-ħażna doganali.

9. Il-proċedura tal-ħażna doganali hija proċedura sospensiva li tikkostitwixxi proċedura doganali ekonomika skont l-Artikolu 84(1)(a) u (b), tal-Kodiċi Doganali.

10. Mill-Artikolu 98(1) u (2) tal-Kodiċi Doganali, jirriżulta li l-proċedura tal-ħażna doganali tippermetti l-ħażna f'maħżen doganali ta' merkanzija mhux komunitarja mingħajr ma din il-merkanzija tkun suġġetta għal dazji ta' importazzjoni. L-espressjoni "maħżen doganali" tfisser kull post approvat minn u taħt is-sorveljanza tal-awtoritajiet doganali fejn merkanzija tista' tinħażen taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-imsemmi kodiċi.

11. Skont l-Artikolu 99 tal-imsemmi kodiċi, il-maħżen privat huwa maħżen doganali riżervat għall-ħażna tal-merkanzija mill-persuna responsabbli mill-maħżen. Il-persuna responsabbli mill-maħżen hija l-persuna awtorizzata sabiex tamministra l-maħżen doganali. Id-depożitant hija l-persuna marbuta bid-dikjarazzjoni li tqiegħed il-merkanzija taħt il-proċedura tal-ħażna doganali jew li ttrasferewlha d-drittijiet u l-obbligi ta' dik il-persuna responsabbli mill-maħżen.

12. L-Artikolu 105(1) tal-Kodiċi Doganali jipprevedi:

"Il-persuna nominata mill-awtoritajiet doganali għandha żżomm, dokumenti tal-ħażniet tal-merkanzija kollha mqiegħda taħt il-proċedura magażinaġġ doganali f'forma approvata minn dawk l-awtoritajiet. […]".

13. L-Artikolu 107 tal-imsemmi kodiċi jipprovdi:

“Il-merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura ta’ magażinaġġ doganali għandha tiddaħħal fid-dokumenti tal-ħażniet li hemm provdut dwarhom fl-Artikolu 105 hekk kif jiddaħħlu fil-maħżen doganali”.

14. It-titolu VII tal-Kodiċi Doganali, intitolat “dejn doganali” jinkludi, fil-Kapitolu 2 tiegħu, id-dispożizzjonijiet dwar il-ħolqien tad-dejn doganali.

15. L-Artikolu 201 tal-Kodiċi Doganali jiddikjara r-regola ta’ prinċipju fil-kliem li ġej:

“1. Dejn doganali fuq l-importazzjoni għandu jiġi inkors permezz:

a) tal-ħelsien għal ċirkolazzjoni libera ta’ merkanziji soġġetti għal dazji fuq l-importazzjoni, jew

b) tat-tqegħid ta’ dawk il-merkanziji taħt proċedura ta’ importazzjoni temporanja b’eżenzjoni parzjali mid-dazji fuq l-importazzjoni.

2. Id-dejn doganali għandu jiġi inkors fil-ħin ta’ l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni doganali konċernata.

[…]”

16. L-Artikolu 204 tal-Kodiċi Doganali jipprevedi kategorija residwa fil-kliem li ġej:

“1. Dejn doganali fuq l-importazzjoni għandu jiġi inkors permezz:

a) tan-nuqqas ta’ eżekuzzjoni ta’ wieħed mill-obbligi li jinqalgħu, fir-rigward ta’ merkanziji soġġetti għal dazji fuq l-importazzjoni, mill-ħażna temporanja tagħhom jew mill-użu tal-proċedura doganali li taħtha jkunu tqiegħdu, jew

[…]

f’każijiet oħra barra dawk li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 203 ħlief meta jiġi stabbilit li dawk in-nuqqasijiet m’għandhom ebda effett sinifikanti fuq l-operazzjoni korretta [funzjonament korrett] tal-ħażna temporanja jew proċedura doganali konċernata.

2. Id-dejn doganali għandu jiġi inkors jew fil-mument meta l-obbligazzjoni li n-nuqqas ta’ l-eżekuzzjoni tagħha tagħti lok għad-dejn doganali ma tiġix issodisfata jew fil-mument meta l-merkanziji jitqiegħdu taħt il-proċedura doganali involuta fejn jiġi stabbilit sussegwentement li kondizzjoni li tirregola t-tqegħid tal-merkanziji taħt l-imsemmija proċedura jew l-għoti ta’ rata mnaqqsa jew mingħajr żieda ta’ dazju fuq l-importazzjoni bis-saħħa ta’ l-użu finali tal-merkanziji ma ġietx fil-fatt issodisfata.

[…]”

B – *Ir-regolament ta’ implementazzjoni*

17. Il-Kodiċi Doganali huwa kkompletat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93[5].

5 — Ir-Regolament tal-Kummissjoni, tat-2 ta’ Lulju 1993, li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament Nru 2913/92, (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 6, p. 3), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 993/2001, tal-4 ta’ Mejju 2001 (Edizzjoni Speċjali bil-Malti Kapitolu 2, Vol. 11, p. 286).

18. L-Artikoli 529 u 530 tar-regolament ta' implementazzjoni jinkludu dispożizzjonijiet dwar iż-żamma tar-reġistri tal-ħażna fil-maħżen doganali.

19. L-Artikolu 529(1) tal-imsemmi regolament jipprovdi:

"Ir-rekords tal-ħażna għandhom f'kull żmien juru l-ħażniet kurrenti ta' l-oġġetti li għadhom taħt arranġamenti ta' magazzinaġġ doganali. Fiż-żmienijiet preskritti mill-awtoritajiet doganali, il-persuna li tieħu ħsieb il-maħżen għandha tiddepożita lista ta' l-imsemmija ħażna fl-uffiċċju ta' sorveljanza".

20. Skont l-Artikolu 530(3) tar-regolament ta' implementazzjoni:

"Daħla fir-rekords tal-ħażna relatata ma skarigu ta' l-arranġamenti għandha l-aktar tard iseħħ meta l-oġġetti jħallu l-maħżen doganali jew il-faċilitajiet tal-ħażna tad-detentur".

21. L-Artikolu 859 tar-regolament ta' implementazzjoni jistabbilixxi l-każijiet li fihom in-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' obbligu msemmi fl-Artikolu 204(1), tal-Kodiċi Doganali ma jnissilx dejn doganali minħabba li n-nuqqasijiet ma jkollhom l-ebda konsegwenza reali fuq il-funzjonament korrett tal-ħażna temporanja jew tal-proċedura doganali inkwistjoni [6].

III – Il-kawża prinċipali, id-domanda preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

22. Eurogate Distribution hija awtorizzata tamministra maħżen doganali privat sa mill-2006. Ir-reġistri tal-ħażna dwar dan il-maħżen doganali tinżamm, skont l-awtorizzazzjoni, għall-użu ta' programm tal-informatika.

23. Bħala l-persuna responsabbli mill-maħżen, Eurogate Distribution introduċiet fil-maħżen doganali privat tagħha merkanzija mhux Komunitarja li toriġina minn klijenti tagħha sabiex jintbagħtu barra mit-territorju tal-Unjoni Ewropea. Mat-tneħħija tal-merkanzija mill-maħżen doganali, ġew stabbiliti dikjarazzjonijiet doganali għall-esportazzjoni mill-ġdid tagħhom, u l-imsemmija merkanzija ġiet effettivament esportata barra mit-territorju doganali.

24. Madankollu, fl-okkażjoni ta' kontroll doganali, ġie kkonstatat li l-ħruġ tal-merkanzija inkwistjoni ġie iskritt biss fir-reġistri tal-ħażna fit-terminu ta' bejn 11 u 126 jum wara l-ħruġ effettiv tagħhom, jiġifieri data wisq tardiva skont l-Artikolu 105(1) tal-Kodiċi Doganali, moqri flimkien mal-Artikoli 529(1) u 530(3) tar-regolament ta' implementazzjoni.

25. Permezz ta' avviż għall-ħlas tat-taxxa tal-1 ta' Lulju 2008, il-Hauptzollamt imponiet dazji fuq l-importazzjoni flimkien mat-taxxa fuq il-valur miżjud korrispondenti fuq il-merkanzija iskritta tardivament. Eurogate Distribution ressqet ilment.

26. Wara maħfra ta' parti mid-dazju, mogħtija permezz ta' avviż tal-11 ta' Awwissu 2009, il-Hauptzollamt, mill-bqija, permezz tad-deċiżjoni tat-8 ta' Diċembru 2009, ċaħdet bħala infondat l-ilment ta' Eurogate Distribution, minħabba li l-iskrizzjonijiet tardivi fir-reġistri tal-ħażna għandhom jiġu kkunsidrati bħala ksur tal-obbligi imposti fuq Eurogate Distribution fil-kuntest tal-proċedura tal-ħażna doganali u li, konsegwentement, dan in-nuqqas nissel dejn doganali fuq il-bażi tal-Artikolu 204(1)(a), tal-Kodiċi Doganali. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tirrileva li n-negliġenza manifesta mwettqa mill-Eurogate Distribution ma tippermettix li jiġi kkunsidrat li l-imsemmi ksur ma kellu l-ebda konsegwenza fuq il-funzjonament korrett tal-proċedura doganali, b'tali mod li, f'dan il-każ, il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 859 tar-regolament ta' implementazzjoni ma humiex sodisfatti.

6 — Nippreċiża illi, skont il-qorti tar-rinviju, il-kundizzjonijiet ta' implementazzjoni ta' din id-dispożizzjoni ma humiex sodisfatti f'dan il-każ.

27. Eurogate Distribution għalhekk ippreżentat rikors quddiem il-Finanzgericht Hamburg sabiex tikseb l-annullament tal-avviż għall-ħlas tat-taxxa tal-1 ta' Lulju 2008, kif emendat bl-avviż tal-11 ta' Awwissu 2009 u kkonfermat bid-deċiżjoni tat-8 ta' Diċembru 2009, billi sostniet b'mod partikolari li l-iskrizzjonijiet tardivi tal-ħruġ mill-maħżen doganali fir-reġistri tal-ħażna ma jikkostitwixxux ksur tal-obbligi tagħha skont l-Artikolu 204(1)(a) tal-Kodiċi Doganali, sa fejn dan l-obbligu ta' reġistrazzjoni, li jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 105 tal-Kodiċi Doganali u tal-Artikolu 530(3), tar-regolament ta' implementazzjoni, għandha tiġi eżegwita biss wara l-clearance tal-proċedura tal-ħażna doganali.

28. Il-Hauptzollamt tikkontesta din l-analiżi minħabba li ż-żamma ta' reġistri tal-ħażna ma huwiex obbligu applikabbli wara l-clearance tal-proċedura kkunsidrata. Għall-kuntrarju, l-imsemmija iskrizzjoni fir-reġistri għandha titwettaq matul il-proċedura tal-ħażna doganali jew fil-mument stess tal-clearance tal-imsemmija proċedura. Skont il-Hauptzollamt, il-proċedura tal-ħażna doganali intemmet biss, fil-każ ineżami, wara l-ħruġ tal-merkanzija mhux Komunitarja bir-rilaxx tagħhom għall-proċedura ta' tranżitu bħala destinazzjoni doganali ġdida.

29. Il-qorti tar-rinviju tikkunsidra li l-opinjoni li l-ksur tal-obbligu ta' iskrizzjoni immedjata tal-ħruġ ta' merkanzija fir-reġistri tal-ħażna joħloq dejn doganali tqajjem dubji.

30. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju ssostni li, skont l-analiżi proposta minn parti mid-duttrina akkademika Ġermaniża abbażi tal-kliem tal-Artikolu 204(1)(a), tal-Kodiċi Doganali, jista' jiġi sostnut li fil-każ ineżami, il-ksur tal-obbligu sar "matul" l-użu tal-proċedura doganali, u mhux "b'effett" tal-imsemmi użu, b'tali mod li ma tnissel l-ebda dejn doganali. Barra minn hekk, sa fejn il-merkanzija kienet diġà rċeviet destinazzjoni doganali ġdida fil-mument tal-ħruġ tagħha mill-maħżen doganali u sa fejn il-ksur tal-obbligu għalhekk ma jaffettwax iktar l-istatus tal-merkanzija, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk tali dejn doganali jistax xorta waħda jitnissel verament u jekk ċertu ksur tal-proċedura għandux jiġi ssanzjonat b'mod ieħor.

31. Peress li kienet tal-opinjoni li s-soluzzjoni għall-kawża li tressqet quddiemha tiddependi fuq l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Finanzgericht Hamburg ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"L-Artikolu 204(1)(a), [tal-Kodiċi Doganali] għandu jiġi interpretat fis-sens li, fil-każ ta' merkanzija mhux Komunitarja mqiegħda taħt il-proċedura tal-ħażna doganali u li tkun ngħatat destinazzjoni doganali ġdida fi tmiem din il-proċedura, il-ksur tal-obbligu ta' reġistrazzjoni tal-ħruġ tal-merkanzija mill-maħżen tad-dwana fil-programm tal-informatika previst b'mod immedjat mat-tmiem tal-proċedura tal-ħażna doganali — u mhux f'data sostanzjalment iktar tard — inissel dejn doganali għall-merkanzija kkonċernata?"

32. Eurogate Distribution, il-Gvern Ċek, u l-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub.

33. Eurogate Distribution, il-Gvern Taljan u l-Kummissjoni kienu rappreżentati waqt is-seduta komuni mal-kawża C-262/10, li saret fl-1 ta' Diċembru 2011.

IV – Analiżi

34. Permezz tad-domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 204(1)(a), tal-Kodiċi Doganali għandux jiġi interpretat fis-sens li n-nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-obbligu ta' iskrizzjoni tat-tneħħija ta' merkanzija mhux Komunitarja mill-maħżen doganali fir-reġistri tal-ħażna previst għal dan il-għan, u dan mhux iktar tard mill-mument tal-ħruġ tal-imsemmija merkanzija, jnissel dejn doganali għall-merkanzija kkonċernata.

35. Għalhekk il-Qorti tal-Ġustizzja tintalab tiċċara liema huma l-kundizzjonijiet li jridu jiġu osservati, fil-kuntest tal-proċedura tal-ħażna doganali, li l-ksur tagħhom joħloq dejn doganali.

36. Il-każ ineżami, ma jirrigwardax, nuqqas sħiħ ta' osservanza tad-dispożizzjonijiet applikabbli, u inqas u inqas, rifjut ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet doganali. Fil-fatt, il-proċedura ta' ħażna doganali ħadmet b'mod korrett fil-kawża prinċipali, ħlief f'dak li jikkonċerna l-obbligu li jsiru iskrizzjonijiet fir-reġistri tal-ħażna mill-iktar fis possibbli.

37. Fid-dawl tal-konnessjoni tal-kawża preżenti mal-kawża C-262/10, jidhirli li huwa xieraq, sabiex jiġu evitati repetizzjonijiet, li għandi nirreferi għall-konklużjonijiet tiegħi f'din l-imsemmija kawża.

38. Għar-raġunijiet preżentati fl-imsemmija kawża Döhler Neuenkirchen (punti 35-37), nikkonstata li t-tnissil ta' dejn doganali huwa l-konsegwenza oġġettiva tar-realizzazzjoni tal-fatti operattivi stabbiliti mill-Kodiċi Doganali li jikkonsistu jew fir-rilaxx regolari għaċ-ċirkulazzjoni libera, jew f'nuqqas li jiġu osservati l-obbligi.

39. F'dak li jikkonċerna, b'mod iktar partikolari r-reġistri tal-ħażna, l-obbligu li jinżamm reġistru tal-ħażna tal-merkanzija ssuġġettata għall-proċedura tal-ħażna doganali privata, prevista fl-Artikolu 105 tal-Kodiċi Doganali, għandu jiġi kkunsidrat bħala obbligu essenzjali. Fil-fatt, l-Artikolu 529(1) tar-regolament ta' implementazzjoni jippreċiża li "Ir-rekords tal-ħażna għandhom f'kull żmien juru l-ħażniet kurrenti ta' l-oġġetti li għadhom taħt arranġamenti ta' magazzinaġġ doganali".

40. Għalhekk, meta jkun hemm nuqqas tal-elementi neċessarji għall-applikazzjoni korretta tal-proċedura ta' kontroll doganali, skont l-Artikolu 529, tar-regolament ta' implementazzjoni, l-obbligu taż-żamma ta' reġistru tal-ħażna ma jistax jiġi kkunsidrat bħala sodisfatt. Minn dan jirriżulta nuqqas ta' obbligu essenzjali tal-proċedura ta' kontroll doganali [7].

41. Il-Qorti tal-Ġustizzja reċentement kellha l-okkażjoni, fis-sentenza Groupe Limagrain Holding, iċċitata iktar 'il fuq, li tiddeċiedi fuq il-funzjoni tar-reġistri tal-ħażna fil-kuntest ta' benefiċċju ta' ħlas bil-quddiem ta' ħlas lura fuq l-esportazzjoni. F'dik is-sentenza, l-imsemmi benefiċċju kien suġġett, b'mod partikolari, għall-prova li l-prodotti li għalihom ġiet ippreżentata dikjarazzjoni ta' pagament, kienu ġew ikklassifikati u baqgħu taħt kontroll doganali sal-esportazzjoni tagħhom. Il-Qorti tal-Ġustizzja nnutat li l-issuġġettar ta' dawk il-prodotti għall-proċedura ta' kontroll doganali kellu l-għan li tiġi żgurata l-identità tal-prodotti msemmija fid-dikjarazzjoni ta' ħlas u tal-prodotti effettivament esportati. Fin-nuqqas ta' eżekuzzjoni regolari tal-issuġġettar għall-proċedura tal-ħażna doganali, il-prova li l-merkanzija msemmija fid-dikjarazzjoni ta' ħlas bil-quddiem ġiet realment esportata ma tistax tiġi rrappurtata b'mod sodisfaċenti. Il-Qorti tal-Ġustizzja assimilat l-irtirar mill-kontroll doganali mal-każ fejn ma jiġix sodisfatt l-obbligu li jinżammu, b'mod konformi mal-leġiżlazzjoni doganali tal-Unjoni, reġistri tal-ħażna għall-prodotti mqiegħda taħt dan il-kontroll. Fiż-żewġ każijiet, l-awtoritajiet doganali jiċċaħħdu mill-possibbiltà li jikkontrollaw il-passaġġ tal-prodotti kkonċernati u, konsegwentement, li jiżguraw ruħhom mill-osservanza tal-kundizzjonijiet marbuta mal-proċedura ta' ħlas bil-quddiem ta' ħlas lura fuq l-esportazzjoni [8].

42. Kuntrarjament għall-kawża li tat lok għas-sentenza Groupe Limagrain Holding, iċċitata iktar 'il fuq, fejn ma nżammu l-ebda reġistri tal-ħażna, fil-kawża preżenti, dawn ir-reġistri inżammu korrettement, għalkemm b'dewmien ta' bejn għaxart ijiem u iktar minn mitt jum. Barra minn hekk jidher li madankollu l-awtoritajiet doganali rċevew dikjarazzjonijiet dwar id-destinazzjoni doganali ġdida

7 — Ara f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Ottubru 2011, Société Groupe Limagrain Holding (C-402/10, Ġabra p. I-10827, punti 33 sa 37)

8 — Is-sentenza Groupe Limagrain Holding, iċċitata iktar 'il fuq (punti 43 sa 46).

tal-merkanzija, bil-ħsieb li tintemm il-proċedura tal-ħażna doganali. Madankollu ma jirriżultax mil-liġi applikabbli li, f'tali sitwazzjoni, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, dikjarazzjoni doganali tista' tissostitwixxi l-eżekuzzjoni korretta tal-obbligu ta' żamma ta' reġistri tal-ħażna fil-kuntest tal-proċedura tal-ħażna doganali.

43. Barra minn hekk, ninnota li l-qorti tar-rinviju kklassifikat il-fatti li wasslu għall-kawża prinċipali mhux bħala "tneħħija minn taħt is-sorveljanza doganali" taħt l-Artikolu 203 tal-Kodiċi Doganali, iżda bħala "nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' obbligu" skont l-Artikolu 204 tal-imsemmi kodiċi. Fin-nuqqas ta' domandi dwar il-kamp ta' applikazzjoni rispettiv tal-imsemmija artikoli, jeħtieġ li tiġi adottata l-premessa li huwa l-Artikolu 204 tal-Kodiċi Doganali li għandu jiġi applikat [9].

44. Barra minn hekk, hemm lok li jiġi nnutat li r-iskrizzjoni tardiva fir-reġistri tal-ħażna ma hijiex waħda mill-avvenimenti li jistgħu jiġu kkunsidrati bħala li "m'għandhom l-ebda effett sinifikanti" fuq il-funzjonament korrett tal-proċedura doganali kkunsidrata, minħabba li tali avveniment ma jidhirx fil-lista eżawrjenti tal-Artikolu 859 tar-regolament ta' implementazzjoni [10].

45. Eurogate Distribution issostni wkoll in-natura manifestament eċċessiva tal-effett marbut ma sempliċi irregolarità mwettqa b'negliġenza, sa fejn il-liġi Ġermaniża torbot flimkien it-tnissil ta' dejn doganali u l-ġbir ta' taxxa fuq il-valur miżjud fuq l-importazzjoni. Fil-fehma tiegħi, nosserva li l-kwistjoni tar-rabta li topera l-liġi Ġermaniża bejn il-ġbir ta' dazji doganali u l-impożizzjoni ta' taxxa fuq il-valur miżjud fuq l-importazzjoni, ma huwiex is-suġġett tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari. Għalhekk ma hijiex responsabbiltà tiegħi li nindirizza iktar din il-kwistjoni, minkejja li ma naħsibx li l-mistoqsijiet imqajma mill-Kummissjoni dwar il-konformità tal-imsemmija rabta mal-liġi tal-Unjoni dwar it-taxxa fuq il-valur miżjud huma nieqsa mir-rilevanza.

46. Fi kwalunkwe każ jeħtieġ, li jiġu riprodotti żewġ osservazzjonijiet li jidhru fil-konklużjonijiet relatati mal-Kawża C-262/10.

47. Fl-ewwel lok, l-obbligu tal-ħlas tad-dazji doganali f'tali każ ma jikkostitwixxix sanzjoni amministrattiva, fiskali jew kriminali, iżda sempliċi konsegwenzi tal-konstatazzjoni tan-nuqqas ta' sodisfazzjoni tal-kundizzjonijiet meħtieġa għall-finijiet ta' kisba tal-vantaġġ li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-proċedura tal-ħażna doganali, li tirrendi inapplikabbli s-sospensjoni u tiġġustifika, konsegwentement, l-impożizzjoni ta' dazji doganali [11]. F'dan ir-rigward, nirreferi għal punti 55 sa 59 tal-konklużjonijiet tiegħi fil-Kawża C-262/10.

48. It-tieni nett, ninnota li għall-finijiet ta' Kodiċi Doganali, dejn doganali ma jikkorrispondix għall-kunċett ta' dejn doganali "ekonomiku", skont liema dejn doganali jitnissel biss fir-rigward ta' merkanzija rilaxxati għal ċirkulazzjoni libera. Għalhekk, il-kwistjoni dwar jekk il-merkanzija kkonċernata ġietx finalment rilaxxati għal ċirkulazzjoni libera, jew le, ma hijiex rilevanti. Minn dan isegwi li d-dazji doganali jistgħu jiġu imposti wkoll fuq merkanzija li tkun effettivament telqet territorju tal-Unjoni [12].

9 — Fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni rispettiv tal-Artikoli 203 u 204 tal-kodiċi doganali, ara s-sentenza tat-12 ta' Frar 2004 Hamann International (C-337/01, Ġabra p. I-1791, punt 28).

10 — In-natura eżawrjenti tal-elenkar li jinsab f'din id-dispożizzjoni ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tal-11 ta' Novembru 1999, Söhl & Söhlke (C-48/98, Ġabra p. I-7877, punt 43).

11 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-14 ta' Diċembru 2000, Emsland-Stärke (C-110/99, Ġabra p. I-11569, punt 56) u tal-4 ta' Ġunju 2009, Pometon (C-158/08, Ġabra p. I-4695, punt 28).

12 — Anki jekk id-dazji ta' dwana għandhom b'mod partikolari bħala għan li jipproteġu l-produzzjoni domestika kontra l-kompetizzjoni barranija (bil-Ġermaniż "Wirtschaftszollgedanke"), ma jibqax ħlief li l-applikazzjoni ta' regoli fil-qasam huwa mekkaniku u formali, li jista' jmexxi għal sitwazzjonijiet li bihom dazji doganali huma imposti sakemm ma teħtieġ ebda protezzjoni, fin-nuqqas ta' ċirkulazzjoni libera ta' merkanzija kkonċernata. Ara C. Willemoes Jørgensen, *Toldskuldens opståen og ophør*, København, Jurist og Økonomforbundets Forlag 2009, p. 148 u p. 280 kif ukoll is-sentenza tad-29 ta' April 2004, British American Tobacco (C 222/01, Ġabra. p. I-4683, punt 55).

V – Konklużjoni

49. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tirrispondi b'dan il-mod għad-domanda preliminari magħmula mill-Finanzgericht Hamburg:

"L-Artikolu 204(1)(a), tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, tat-12 ta' Ottubru 1992, li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità, kif emendat bir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 648/2005, tat-13 ta' April 2005, għandu jiġi interpretat fis-sens li fil-każ ta' merkanzija mhux Komunitarja, in-nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-obbligu ta' iskrizzjoni ta' tneħħija ta' merkanzija mill-maħżen doganali fir-reġistri tal-ħażna prevista għal dan il-għan, u dan mhux iktar tard mill-mument tal-ħruġ tal-merkanzija mill-maħżen doganali, jnissel dejn doganali għall-imsemmija merkanzija, anki jekk l-istess merkanzija tiġi esportata mill-ġdid."